MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Appell Kriminali Numru. 299/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Micallef)**
**Vs**
**Clint Andrew Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' April, 2009 ghall-habta tal-17.30 hrs fi Triq il-Kuncizzjoni L/O Rabat

1. saq il-vettura numru IAU 728 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghall-imsemmija vettura;
2. b'hekk ma kienx kopert bil-polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Gunjui, 2010, li biha,

wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ddikjarat fuq ammissjoni tieghu stess li ssib lill-appellat hati tal-ewwel akkuza kif dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mija w sbatax-il Ewro (€117) filwaqt li lliberatu mit-tieni akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-5 ta' Lulju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi :
a. tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fejn ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, filwaqt li
b. tirrevokaha u thassaraha f'dik il-parti relattiva ghall-piena fejn ikkundannat lill-appellat biss ghall-hlas ta' €117 multa;
c. minflok ghar-ragunijiet fuq premessi, tinfliggi l-piena idoneja, inkluz il-konsegwenzi tassattivament previsti kontra l-appellat skond il-ligi

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet minhabba fix-xorta jew kwantita` taghha differenti minn dik preskritta bil-ligi ghar-reat li dwaru l-piena misjuba hatja tkun giet sentenzjata.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kkunsidrat li l-ewwel imputazzjoni migjuba mill-Pulizija giet ammessa mill-appellat u sabitu hati taghha u kkundannatu multa ta' €117. Dan ghamlitu in bazi ghall-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Biss waqfet hemm, u minkejja li fis-sentenza taghha, fil-parti dispozittiva kkwotat ukoll l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, naqset milli tiskwalifika lil hati milli jkollu jew jikseb licenzja ghal zmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

F'dan il-kaz, fl-umli fehma tal-appellant, dan l-artikolu kien jobbliga lil dik il-Qorti sabiex timponi din il-konsegwenza tal-piena inflitta.

F'dan il-kaz, it-talba mill-prosekuzzjoni saret, u l-htija giet misjuba fuq id-dispost tal-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Hemm qbil li f'dan il-kaz ma kienx hemm lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 15(2), in kwantu s-sejbien tal-htija kienet relattiva ghal sewqan minn persuna minghajr ma kienet debitament licenzjata.

F'dan il-kuntest ghalhekk, fil-fehma tal-appellant, il-Qorti tal-Magistrati naqset milli teroga l-piena skond il-ligi in kwantu ma applikatx ukoll konsegwenza tal-piena prevista mill-istess ligi.

Ikkunsidrat:

Dana huwa Appell ta' l-Avukat Generali minn Sentenza moghtiha mill-Qorti tal-Magistrati fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju elfejn u ghaxra (2010) fl-ismijiet fuq imsemmija. Fis-Sentenza taghha, wara ammissjoni registrata mill-appellat, sabet lill-istess appellat hati ghall-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' €117 filwaqt li lliberatu mit-tieni imputazzjoni. Fl-Appell tieghu l-Avukat Generali qieghed jinsisti illi l-multa wehidha ma kelliex tkun bizzejjed peress illi l-Artikolu 15(3) tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jpoggi obbligu ta' sospenzjoni tal-licenzja mas-sejbien tal-htija liema sospenzjoni ma gietx imposta mill-ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

L-Artikolu 15(3) tal-Kap 65 jghid testwalemt "fil-kaz ta' kull reat iehor taht is-Sub Artikolu 1 il-Qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, b'zieda ghall-piena skond dak is-Sub Artikolu, ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' mhux inqas minn tmient (8) ijiem." Minn dan id-dispost johrog car illi l-ewwel Qorti darba ssib htija ghandha l-obbligu illi tordna wkoll skwalifika tal-licenzja ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tmient (8) ijiem. Il-kliem testwali wzat mill-Ligi huwa

“ghandha tiskwalifika . . .” u ghalhekk ma hemm l-ebda deskrizzjoni fdata lill-Qorti li biha tista tikkonsidra jew a direttura tiskarta xi forma ta’ piena ohra. Ffil-fatt bil-Verbal maghmlu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru ta’ l-elfejn u hdax (2011), id-difiza qablet ma din is-sottomissjoni ta’ l-Avukat Generali u fin-nuqqas ta’ kontroversja l-Qorti tghaddi biex tiddisponi minn dan l-Appell.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u teddeciedi illi tilqa’ l-Appell, tikkonferma s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fejn ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni izda thassar u tirrevoka f’dik il-parti relattiva ghall-piena fejn ikkundannat lill-appellat biss ghall-hlas ta’ €117 bhala multa u minflok tikkundanna lill-appellat ghall-multa ta’ €117 u tordna l-iskwalifika ta’ l-appellat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tmient (8) ijiem.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------